Il-Qorti;

**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru : 139/2024 AGV**

**VB gja A**

**vs**

**MJA**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' VB gja A detentrici tal-karta tal-identita' numru**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tghid:**

Illi l-esponenti VB gja A u MJA izzewwgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlettax (2013), gewwa r-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta, certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Elaine Farrugia datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieled tifel MA nhar is-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghadu minorenni;

Illi l-esponenti tiddikjara li bejn il-partijiet ma' jeziztu ebda arretrati jew pendenzi ta' manteniment dovuti versu l-minuri kif regolat ai termini ta' klawzola numru ghaxra (10) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');

Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad fi klawzola numru tlieta (3) tal-anness kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-

partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghall- hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti qeghda tannetti l-affidavit taghha, anness u mmarkat Dok. 'C';

**Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, java lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fis- 27 ta' Lulju 2013.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**